

32004E0087

28.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 21/31

**AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2004/87/CFSP  
tas-26 ta' Jannar 2004**

**li temenda l-Azzjoni Konġunta 2003/681/CFSP dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tal-Maċedonja li qabel kienet il-Jugoslavja (EUPOL Proxima)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Settembru 2003, il-Kunsill jadotta l-Azzjoni Konġunta 2003/681/CFSP <sup>(1)</sup>, li jniżżel, inter alia, arranġamenti finanzjarji, inkluż l-iffinanzjar ta' per diems għall-2003 mill-estimi tal-Komunità.
- (2) Per diems għall-2004 għandhom ikunu ffinanzjati mill-estimi tal-Komunità.
- (3) L-Azzjoni Konġunta 2003/681/CFSP għandha emendata hekk,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 10(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/681/CFSP għandha tkun emendata kif ġej:

1. fl-ewwel subparagrafu, il-punt li ġej għandu jkun miżjud:
  - “(d) massimu ta' 6,555 miljun EUR għal kull per diems ta' 100 EUR kull persuna għall-2004 għandu jkun iffinanzjat mill-estimi tal-Komunità.”;

2. “it-tieni subparagrafu għandu jitbiddel mis-subparagrafu li ġej: ‘L-iffinanzjar ta' per diems għall-2003 u l-2004 mill-estimi tal-Komunità ma jippreġudikax l-ammont tagħhom u l-metodi tal-iffinanzjar tagħhom għas-snin li ġejjin.”;

3. it-tielet subparagrafu għandu jithassar.

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Tibda tgħodd mill-1 ta' Jannar 2004.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Jannar 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. COWEN

<sup>(1)</sup> ĠU L 249, ta' l-1.10.2003, p. 66.